MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 1069/2006

**Sergio Sciberras**

**vs**

**Joseph Attard u b'digriet tas-26 ta' April, 2007 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Ruth Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mitejn, tmienja u tletin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm238.74) bilanc ta` somma akbar dovut mill-konvenut u rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u li sa llum mhux imhallsa, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura kollox kontra l-konvenut u li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut illi ssolleva illi preliminarjament il-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qatt ma ghamel ebda ordni ghal merkanzija minghand l-attur u wisq anqas qatt ma rcieva merkanzija minghand l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-atti kollha pprezentati f'din il-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Charmaine Sciberras, Frank Galea u Joseph Attard, Manolito Briffa.

Ra illi fis-26 ta' April, 2006 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Ruth Spiteri. Illi din giet notifikata fit-8 ta' Ottubru, 2007. Ra illi fit-12 ta' Dicembru, 2007 kien hemm sentenza fil-konfront tal-kjamata in kawza Ruth Spiteri.

Wara li nghatat is-sentenza fil-konfront tal-kjamata in kawza, t-Tribunal kompla jisma` l-provi fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard.

**IKKUNSIDRA**

Illi l-konvenut Attard xehed illi huwa ma kellux x'jaqsam ma` l-gestjoni tal-hanut *'JRJ Detergents'* f'Paola, izda dak kien xoghol tfajla li kien johrog maghha dak iz-zmien.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-'*invoices'* kienu jsejhu lill-hanut biss ghalkemm kienu jigu ffirmati minn Ruth Spteri. Illi jirrizulta li ma ngabux provi ta' min hu sid il-hanut, jew min kien jiggestixxi dan il-hanut.

Illi huwa nuqqas serju da parti min ikun qieghed ibiegh illi ma jkunx jaf ezattament ma` min qieghed jinnegozja. It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa kaz ta' '*mismanagement'* ta' negozju li wassal sahansitra biex jaghti kreditu bl-addocc minghajr ebda ftehim jew dettalji ta' lil min ikun qieghed ibiegh.

Illi minhabba nuqqas ta’ provi fil-konfront tal-konvenut, it-Tribunal fic-cirkostanzi jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------